# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## (Sede Kostituzzjonali)

**ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Seduta tallum l-Erbgħa tmintax (18) ta Ġunju, 2025**

**Rikors Kostituzzjonali Nru.: 226/2020 MH**

**Numru: 4**

**Kirsty Portelli**
**vs**
**L-Avukat tal-Istat,**
**Ministru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza u**
**Nutar Prinċipali tal-Gvern**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors kostituzzjonali tar-rikorrenti tat-13 t'Ottubru 2020** permezz ta' liema ppremettiet u talbet –

1. *"Illi r-rikorrenti gradwat b'suċċess mill-Universita' ta' Malta f'Novembru 2018 u ottjeniet il-kwalifika indikata fl-Artikolu 6 subinċiż (ċ) tal-Kap 55 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Illi r-rikorrenti tissodisfa wkoll l-kwalifiki l-oħra kollu li huma indikati fl-Artikolu 6 fuq ċitat li huma tassattivi biex persuna tinħatar Nutar pubbliku;*

3. *Illi r-rikorrenti applikat għall-eżami ta' kwalifika indikat fl-Artikolu 8 tal-Kap 55 tal-Liġijiet ta' Malta u l-eżami*[1] *mertu ta' dan ir-rikors sar fit-28 ta' Ġunju, 2020;*

4. *Illi l-eżami kellu jibda fid-9am ta' filgħodu iżda ma bediex fil-ħin. Fil-fatt il-kandidati għall-eżami tħallew jidħlu fil-kmamar rispettivi għall-ħabta tad-9:15am. L-eżami per se beda fid-9:20am;*

5. *Illi madwar 20 minuta wara li beda l-eżami, r-rikorrenti ġiet avviċinata minn-Nutar Dottor Keith Francis German, in-Nutar Prinċipali tal-Gvern, li skond il-liġi huwa wkoll membru tal-Bord tal-Eżaminaturi stabbilit permezz tal-Artikolu 7 tal-Kap 55 tal-Liġijiet ta' Malta;*

6. *Illi l-imsemmi Nutar Prinċipali ħa f'idejh file li essenzjalment kien fih kopja tal-Liġijiet applikabbli fosthom il-Kodiċi Ċivili u minn dan il-Kodiċi neħħa paġni li kellhom xi notamenti fuqhom. Ir-rikorrenti staqsiet lin-Nutar Prinċipali jekk dan li ġara kienx ifisser li hi ser tiġi skwalifikata jew teħel mill-eżami u l-imsemmi weġibha li ma kienx ser ikun il-każ għax l-file in kwistjoni r-rikorrenti kienet għadha lanqas biss fetħitu;*

7. *Illi f'dan l-istadju ta' min jiċċara illi dan kollu ġara fl-ewwel għoxrin minuta ta' eżami li jdum għaxar siegħat;*

8. *Illi r-rikorrenti lestiet l-ezami fis-7pm ta' filgħaxija. Wara li lestiet hija tkellmet man-Nutar Prinċipali li saħansitra staqsiha kif kienet marret u ċċaralha anki xi punti dwar mistoqsijiet fil-karta tal-eżami. Qabel telqet ir-rikorrenti staqsiet lin-Nutar jekk il-karti li kienu tteħdula setgħetx teħodhom lura. Hu weġiba li ma setgħax jagħtihomla lura biex ikun ġust ma' persuni oħra li wkoll kienu tteħdulhom xi karti. F'dan il-punt r-rikorrenti reġgħet staqsiet lin-Nutar Prinċipali jekk kienx ser ikun hemm xi konsegwenza u l-imsemmi wieġeb fis-sens illi r-rikorrenti ma kelliex għalfejn tinkwieta u f'pessima ipoteżi hija kienet ser tiġi mwiddba mill-Bord tal-Eżaminaturi waqt l-eżami orali;*

---

[1] Paper 2

9. *Illi fit-2 ta' Lulju, 2020, r-rikorrenti irċeviet email mingħand l-imsemmi Nutar Prinċipali fejn huwa informaha illi wara li l-materjal ġie eżaminat mill-Bord tal-Eżaminaturi, kien ġie determinat illi hija kellha tiġi skwalifikata u kkonsidratha li falliet mill-eżami in kwistjoni (ara dokument anness u mmarkat DOK KP1);*

10. *Illi dak inhar stess r-rikorrenti wieġbet lin-Nutar Prinċipali permezz ta' email fejn talbitu sabiex fiċ-ċirkostanzi tidher quddiem il-Bord tal-Eżaminaturi sabiex il-Bord jismagħha u hi tingħata l-opportunita' li tiddefendi l-każ tagħha (ara dokument anness u mmarkat DOK KP2);*

11. *Illi l-għada t-3 ta' Lulju, 2020, r-rikorrenti irċeviet tweġiba mingħand in-Nutar Prinċipali liema tweġiba testwalment kienet tgħid illi (DOK KP3):*

*"Your matter has been discussed with the Board.*

*As no submissions can disprove the fact that you were in possession of material which was expressly prohibited both in prior information communicated to you prior to the exam and also specifically in the introductory page of both examination papers, irresipectively of whether you made use of it or not, you broke trust and commited a serious breach of examination rules. Hence the decision of the Board is irrevocable"*

12. *Illi fl-4 ta' Settembru, 2020 r-rikorrenti kitbet lil-Nutar Prinċipali u lill-Ministru intimat u ilmentat li ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tal-Bord tal-Eżaminaturi. Ir-rikorrenti talbet lil-Bord jirrikonsidra d-deċiżjoni tiegħu (DOK KP4 u DOK KP5);*

13. *Illi fid-9 ta' Settembru, 2020, r-rikorrenti irċeviet tweġibha mingħand in-Nutar Prinċipali li infurmaha:*

    a. *Illi l-Bord tal-Eżaminaturi kien unanimament iddeċieda illi hija għandha tkun skwalifikata;*

    b. *Illi hija kienet vjolat regola li skond l-intimati tirriżulta minn punt numru '4' tal-minuti tal-laqgħa li saret fis-16 ta' Marzu, 2020 fl-Uffiċċini tan-Nutar Prinċipali tal-Gvern;*

*c. Illi l-Bord ma kienx ser jirrikonsidra d-deċiżjoni tiegħu peress li hija kienet inqabdted "in flagrante" u li dan kien każ "ipsa loquitur". Skond l-intimati li kieku r-rikorrenti kellha tingħata l-opportunita' tiddefendi ruħha, ir-riżultat kien ser ikun l-istess;*

*14. Illi l-punt numru '4' tal-minuti tal-laghqa surreferita allegatament fih is-segwenti test:*

*"Text which candidates shall bring for the examination shall be checked. Candidates may bring the Laws of Malta; however they are not allowed to bring any speciment written clauses and, if caught with such specimen drafts, they will be automatically disqualifed"*

*15. Illi l-minuti surreferiti qatt ma ġew fil-pussess tar-rikorrenti u wieħed jassumi li m'humiex pubbliċi;*

*16. Illi l-Kap 55 tal-Liġijiet ta' Malta ma jipprovdix rimedju sabiex dawk l-applikanti li jkunu applikaw u għamlu l-eżami indikat fl-Artikolu 8 tal-istess liġi, jitolbu li d-deċiżjoni tal-Bord tal-Eżaminaturi stabbilit fl-Artikolu 7 tal-istess liġi tiġi sindikata;*

*17. Illi dan ifisser illi l-liġi tistess ma tipprovdix għal dritt t'appell minn kwalunkwe deċiżjoni tal-Bord tal-Eżaminaturi u għaldaqstant dak li jiddeċiedi l-Bord huwa insindikabbli;*

*18. Illi inoltre ir-rifjut tal-Bord li saħansitra jisma' lir-rikorrenti u jagħtiha l-opportunita' li tiddefendi ruħha minn dak li kienet qed tiġi akkużata bih ma jirriżulta f'xejn ħlief f'leżjoni kiefra tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti li tingħata smiegħ xieraq quddiem tribunal imparzjali, dritt protett bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;*

*19. Illi għaldaqstant qegħdha ssir dina l-kawża;*

*Għaldaqstant fid-dawl tal-fatti hawn esposti, r-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*1. Tiddikjara illi l-aġir tal-Bord tal-Eżaminaturi fil-konfront tagħha huwa leżiv tad-dritt tagħha li tingħata smiegħ xieraq u dan bi ksur ta' dak li jipprovdu l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;*

2. *Tiddikjara illi l-insindikabbilita' tad-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Eżaminaturi stabbilit permezz tal-Artikolu 7 tal-Kap 55 tal-Liġijiet ta' Malta u senjatament u fost l-oħarjn in-nuqqas ta' mekkaniżmu ta' appell u / jew dritt li tintalab reviżjoni tad-deċizjonijiet tal-istess Bord, kif ukoll d-dritt li tintalab astensjoni ta' membru tal-Bord, huwa leżiv tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;*

3. *Tiddikjara illi b'konsegwenza tad-dikjarazzjoni indikata fit-tieni talba, r-rikorrenti, mċaħħda mid-dritt li tappella mid-deċiżjoni tal-Bord tal-Eżaminaturi, sofriet leżjoni tad-dritt tagħha ta' smiegħ xieraq kif protett bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;*

4. *Tiddikjara nulla u bla effett id-deċiżjoni tal-Bord tal-Eżaminaturi li tiskwalifika u li tikkonsidra li r-rikorrenti falliet mill-eżami mertu ta' dina l-kawża, kif komunikata lilha permezz tal-email tat-2 ta' Lulju, 2020 u rikonfermata permezz tal-email tad-9 ta' Settembru, 2020;*

5. *Tordna lill-Bord tal-Eżaminaturi sabiex jagħmel dak indikat fl-Artikolu 8 subinċiżi 3, 4 u 5 tal-Kap 55 tal-Liġijiet ta' Malta u dan billi jeżaminaw Paper 1 u Paper 2 li għamlet r-rikorrenti fis-sessjoni tal-eżamijiet ta' din is-sena u jirraporta lil Ministru intimat skond ma jipprovdi l-Artijolu 9 tal-Kap 55 tal-Liġijiet ta' Malta;*

6. *Tagħti dawk l-ordninjiet li hija tħoss xierqa sabiex jiġu salvagwardjati u ri-integrati d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;*

7. *Tordna lill-intimati jew min minnhom iħallsu lir-rikorrenti dik is-somma li jidhrilha l-Qorti in linea ta' danni morali.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni."*

Rat **ir-risposta tal-intimati tas-26 ta' Novembru 2020** permezz ta' liema tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet –

1. *"Illi **preliminarjament**, dawn il-proċeduri huma intempestivi għaliex ir-rikorrenti kellha rimedji ordinarji a disposizzjoni tagħha qabel ma ntavolat din il-kawża kostituzzjonali speċjali. L-esponenti jenfasizzaw li proċeduri kostituzzjoni ma jistgħux jieħdu post il-proċeduri ordinarji li għandhom dejjem jiġu utilizzati l-ewwel u qabel kollox. Id-deċiżjoni tal-Bord kellha tiġi attakkata ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 jew saħansitra setgħu jiġu utilizzati l-poteri residwali tal-qrati u għaldaqstant, din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha;*

2. *Illi, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu preċedenti, **in linea preliminari wkoll**, il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza mhux il-leġittimu kontradittur f'dawn it-tip ta' proċeduri u għalhekk għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għall-paragrafu preċedenti, **fil-mertu**, l-esponenti jqisu li t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bil-qawwa peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għaliex ma jeżisti l-ebda ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti li tingħata smigħ xieraq kif imniżżel fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, fl-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u dan għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:*

4. *Illi rigward fatti, l-esponenti ma jaqblux għal kollox mal-fatti kif esposti mir-rikorrenti iżda dan jiġi muri aħjar matul il-kawża;*

5. *Illi ma jirriżulta l-ebda jedd ċivili tar-rikorrenti, għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu l-artikoli li fuqhom ir-rikorrenti qed tippernja l-kawża, għaliex hawnhekk qed nitkellmu dwar talba għall-ħruġ ta' warrant a bażi ta' eżami u mhux dwar xi dritt;*

6. *Illi r-rikorrenti għandha mezzi a disposizzjoni tagħha kif tista' tattakka d-deċiżjoni tal-Bord kif ukoll regoli ma' xiex timxi dwar rikuża ta' membru tal-Bord u dawn jinsabu fil-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan jimplika li l-ilmenti kollha posti mir-rikorrenti f'din il-kawża huma bla bażi u għalhekk din il-kawża ma tistax tissussisti. In fatti, jekk wieħed janalizza l-artikolu 469A tal-Kap. 12, b'mod speċjali kif ġie emendat permezz tal-Att XXI tal-2020, naraw is-segwenti definizzjonijiet:*

*"**awtorità pubblika**" tfisser il-Gvern ta' Malta, magħdudin il-Ministeri u dipartimenti tiegħu, awtoritajiet lokali u kull korpmagħqud kostitwit*

*permezz ta' liġi u* ***tinkludi Bordijiet li jkollhom awtorità bil-liġi li joħorġu warrants għall-eżerċizzju ta' xi sengħa jew professjoni."*** *(enfasi miżjud)*

***"egħmil amministrattiv"*** *tfisser il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess,* ***warrant****, deċiżjoni jew* ***ir-rifjut għal talba ta' xi persuna*** *li jsir minn awtorità pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità:...*

7. *Illi dan kollu juri kemm m'għandu jirriżulta l-ebda ksur tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq u r-rikorrenti għadha fiż-żmien li tattakka tali deċiżjoni;*

8. *Illi l-esponenti jenfasizzaw li mhix il-funzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti fis-Sede Kostituzzjonali tagħha li ssir qorti ta' reviżjoni għal deċiżjonijiet meħuda minn qrati jew tribunali ordinarji li jmorru oltre d-disposizzjonijiet stretti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea;*

9. *Illi jirriżulta wkoll, li r-rikorrenti spiċċat f'din is-sitwazzjoni unikament minħabba l-aġir żleali tagħha fejn ippruvat tikkopja f'eżami tal-warrant għal nutar; u mhux sew li tiġi issa tipprova taqbad ma' kull tibna u ddur fuq l-Istat kif rappreżentat mill-esponenti sabiex jikkumpensaha għal ksur ineżistenti, meta kien l-aġir tagħha stess li wassal lill-Bord li jiskwalifikaha mill-eżami;*

10. *Hawn irid jiġi mfakkar li r-rikorrenti kienet ben konxja tar-regolamenti dwar dak li hu permess li jiddaħħal waqt eżami tal-warrant għal nutar, għaliex is-sena ta' qabel hi kienet diġa' għaddiet minn dan il-proċess sħiħ iżda sfortunatament ma kinitx ottjeniet il-gradi neċessarji;*

11. *Illi fl-aħħar iżda mhux l-inqas, l-esponent jixtieq umilment jiġbed l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, li hawnhekk qed nitkellmu dwar* ***<u>eżami għal warrant ta' professjoni serja b'obbligi gravużi</u>****. Nagħmel referenza għal-****<u>Leġislazzjoni Sussidjarja 55.09 li tirrigwarda r-Regolamenti dwar il-Kodiċi ta' Etika tan-Nutara</u>*** *fejn in-nutar għandu, fost ħafna doveri oħra:*

*a) jaġixxi b'dinjità u jrid josserva l-valuri fundamentali tal-verità, l-onestà, l-ekwità, l-integrità, l-indipendenza, l-imparzjalità u l-libertà; u*
*b) joqgħod lura milli juża metodi jew jadotta attitudnijiet li probabbilment ixejnu r-reputazzjoni tajba tiegħu jew tagħha u/jew dik tal-professjoni tiegħu jew tagħha.*

12. *L-esponenti umilment jaraw li r-rikorrenti, saħansitra qabel ma ottjeniet il-warrant, diġà aġixxiet b'mod li jmur kontra dawn il-valuri essenzjali li, kull ma jmur, qegħdin jisfumaw fix-xejn;*

13. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*GĦALDAQSTANT, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad fl-intier tagħhom il-pretensjonijiet kollha kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li r-rikorrenti ma sofriet l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fondamentali.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti."*

Rat il-provi tal-partijiet u n-Noti ta' Sottomissjonijiet tagħhom.

Rat li l-kawża tħalliet għallum għas-sentenza.

Rat ukoll l-atti tal-proċeduri ċivili Rik Nru 2/21 *Kirsty Portelli vs Bord tal-Eżaminaturi et* li s-sentenza dwarhom ser tingħata llum ukoll, stante li kemm din il-kawża odjerna ukoll dik ta' natura ċivili tmexxew flimkien.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Permezz tal-proċeduri odjerni l-attriċi tallega li bl-aġir tal-Bord ta' Eżaminaturi[2] ("il-Bord") fil-konfront tagħha nkisrulha d-drittijiet fundamentali tagħha kif protetti bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ("il-Kostituzzjoni"), l-artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali ("il-Konvenzjoni"). Dan għaliex –

(i) Il-Bord ma tahiex smigħ xieraq; u

(ii) Id-deċiżjoni tal-Bord tal-Eżaminaturi kif stabbilit ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap 55 hija insindakabbli (partikolarment in-nuqqas ta' mekkaniżmu tad-dritt ta' reviżjoni jew appell mid-deċiżjonijiet tal-istess Bord u n-nuqqas ta' rimedju effettiv minħabba nuqqas ta' proċedura jew mekkaniżmu fil-liġi dwar astensjoni ta' membri tal-Bord).

Konsegwentement qed titlob li jingħataw rimedji opportuni li jagħmlu tajjeb għal tali ksur.

---

[2] Stabbilit ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap 55 tal-Liġijiet ta' Malta

Minn naħa tagħhom l-intimati jirrespinġu tali pretensjonijiet bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Bħala sfond fattwali, mill-atti, inkluż dawk tal-proċeduri ċivili surreferiti Rik Nru 2/21, fost oħrajn jirriżulta li –

i. F'Novembru 2018 l-attriċi gradwat mill-Universita' ta' Malta fid-dottorat fil-Liġi (LL.D) ai termini tal-artikolu 6 (ċ) tal-Kap 55;

ii. Fis-sena 2019 hija kienet resqet għall-eżami ta' kwalifika ai termini tal-artikolu 8 tal-Kap 55 bil-għan li jekk tgħaddi, isimha jiġi sottomess lill-President ta' Malta sabiex tiġi uffiċjalment maħtura bħala Nutar Pubbliku ai termini tal-artikolu 9 et seq tal-Att;

iii. L-attriċi ma kinitx għaddiet minn dak l-eżami;

iv. Fis-sena 2020 hija reġgħet applikat biex tersaq għall-eżami ta' kwalifika. Fis-16 ta' Marzu 2020 saret laqgħa fl-uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern fejn il-kandidati prospettivi ngħataw informazzjoni minn Dr Keith German marbuta mal-eżami u ġie diskuss anke ż-żmien meta dan kellu jsir in vista tal-fatt li f'dik l-epoka Malta kienet għaddejja mill-

pandemija tal-Covid-19 u kien hemm numru ta' restrizzjonijiet fis-seħħ b'rabta mas-saħħa pubblika;

v. Dr German xehed li fost l-informazzjoni li huwa ta lill-istudenti dakinhar kien hemm dak li huma setgħu idaħħlu magħhom il-liġijiet li kienu rilevanti għall-eżami;

vi. In-Nutar Dr Daniel Vella li wkoll kien għamel l-eżami mal-attriċi fl-2020 xehed hekk dwar din il-laqgħa[3] -

*"Fl-istess laqgħa, Dottor German infurmana, u ċioe' lili u lill-kandidati l-oħrajn li konna preżenti għall-laqgħa, li dakinhar tal-eżami huwa permess li ndaħħlu magħna t-test tal-kapitli tal-Liġijiet li huma relevanti kif ukoll illi maġenb l-artikli jistgħu jinkitbu referenzi żgħar, bl-esklużjoni speċifika li ma jistgħux jinkitbu paragrafi, u jitwaħħlu post-it notes sabiex wieħed ikun jista' faċilment isib l-artiklu meħtieġ waqt l-eżami.*

*Waqt din il-laqgħa jien kont ben konoxxenti ta' x'għandi nistenna fil-karti tal-eżami u li abbozzi ta' kuntratti u/jew ta' klawsoli li normalment jitniżżlu fil-kuntratti mhumhiex permessi li jiddaħħlu minna l-kandidati."*

vii. L-eżami in kwistjoni jikkonsisti f'żewġ karti u fis-sena 2020 l-ewwel karta saret fil-21 ta' Ġunju u t-tieni karta saret fis-27 ta' Ġunju. L-ewwel

[3] Fol 132 tal-proċeduri Rik Nru 2/21

karta normalment tkun ta' xi 6 jew 7 sigħat, filwaqt li t-tieni karta circa 8 jew 9 sigħat;

viii. Fuq iż-żewġ karti[4] kien hemm linji gwida għall-kandidati u fosthom kien hemm li "It-testi tal-liġi jistgħu jiġu kkonsultati."

ix. Ir-rikorrenti xehdet hekk[5] -

*"Xhud: Mela, bħala regolamenti ma kien hemm xejn fiss. Jiġifieri bil-miktub, qatt ma aħna kellna regolamenti ta' x'affarijiet nistgħu ndaħħlu u ma ndaħħlux. Li naf żgur, ovvjament kulħadd kien jaf li d-drafts ta' kuntratti ma jistgħux jiddaħħlu. Però jiena kont nistudja, ovvjament, ma' kollegi oħrajn, u affarijiet to refresh our memory, biex niftiehmu jiġifieri, kulħadd kien jikteb. Ovvjament, ma tkunx l-intenzjoni li tikkopja għax inti, kif tista' tara mill-mistoqsijiet tal-eżami, qatt ma jkun hemm draft straight forward.*

*Imħallef: Tajjeb. Però l-mistoqsija ma kinitx ... Xi stajt iddaħal?*

*Xhud: Il-liġijiet sana, ... jiena, as fejn naf jiena, kulħadd kien ikollu xi noti miktubin.*

*Imħallef: Mhux hekk saqsejtek. Mhux xi jkollu notamenti, xi stajt iddaħħal.*

*Xhud: Qatt ma kien hemm regolamenti bil-miktub, jiġifieri qatt ma nista' ngħidlek nistgħu ndaħħlu hekk jew hekk.*

*Imħallef: Ok. Dottoressa Fiorella.*

*Av: Naqblu illi fil-karta tal-eżami ta' dik is-sena kellkom miktub illi l-liġijiet kienu permessi? Jekk ma tiftakarx nista' nurik ...*

[4] Fol 134 et seq tal-proċeduri Rik Nru 2/21
[5] Fol 150 et seq tal-proċeduri Rik Nru 2/21

*Xhud: Fuq il-page tal-karta.*

*Av: Iva.*

*Xhud: Eħe.*

*Av: Kellkom miktub hekk. Naqblu?*

*Xhud: Kellna miktub li l-liġijiet jistgħu jiddaħħlu magħna. Eżatt.*

*Av: Eżatt. U naqblu wkoll li Dr Keith German, fil-laqgħa li kellkom fis-16 ta' Marzu tal-2020, kien qalilkom dwar dan?*

*Xhud: Le. F'dik il-laqgħa kienet biss waqt il-Covid. Fil-fatt, iltqajna fuq il-bejt. Jiġifieri qas biss daħħalna ġa kamra ....*

*Av: Imma ma qalilkomx, jew ma tiftakarx li qalilkom?*

*Xhud: Ma qalilniex, għax il-punt tal-laqgħa kienet biex niddeċiedu meta kien ħa jsir Il-punt prinċipali.*

*Imħallef: Tajjeb. Din il-karta tiftakar taqraha?*

*Av: Forsi tkun tista' tara ...*

*Imħallef: Fejn għandek ir-regolamenti x'suppost jiġri. Din hija l-karta li jiggwida l-kandidati.*

*Xhud: Tal-karta tal-eżami?*

*Imħallef: Yes. Yes.*

*Xhud: Jista' jkun qrajtha dak il-ħin. Imma dik ma tkunx provduta lilna qabel, jiġifieri dak il-ħin waqt l-eżami.*

*Av: Le, dak il-ħin.*

*Imħallef: Dak il-ħin.*

*Xhud: Le, qbadt u bdejt l-eżami. Jiġifieri ma qrajthiex."*

x. L-episodju mertu tal-kawża odjerna seħħ fit-tieni karta;

xi. Fl-ewwel siegħa tal-eżami, Dr German beda jdur l-imwejjed u jiċċekkja d-dokumenti tal-kandidati;

xii. Il-verżjoni tal-attriċi[6] hija li hi kienet ir-raba' persuna li ġiet iċċekkjata u hu ħadilha file sħiħ bil-liġijiet ta' Malta u qala' minnu xi karti li kienu parti mill-Kodiċi Ċivili u li fuqhom kellha kitba[7]. Hu nfurmaha li kien ser jehodhom u jżommhom hu waqt l-eżami għax dawn ma setgħux jintużaw waqt l-eżami. Hi weġbitu li mhux problema iżda nfurmatu li jekk dan kien ifisser li b'xi mod setgħet teħel mill-eżami kellu jaqbad u jgħidilha biex ma tagħmilx ġurnata sħiħa eżami għalxejn. L-attriċi ssostni li Dr German qalilha li ma kienx ser jiġri hekk għax l-aqwa li hu kien jaf li mhux ser tkun użat dawn il-karti waqt l-eżami. Għalhekk ħadhomlha u hi kompliet l-eżami. L-eżami dam diversi sigħat. Wara li l-attriċi lestiet u kienet qed tistenna li tiġi pprintjata l-karta hi u Dr German qagħdu jitkellmu. Qabel ma telqet kienet ser tieħu l-karti li kien ħadilha iżda hu qalilha li l-karti kien ser iżommhom. Hi staqsietu x'kienet ir-raġuni ladarba ma kinitx użathom u hu qalilha li jrid ikun ġust għax kien żamm ukoll il-karti ta' persuna oħra li kienet laħqet

---

[6] Affidavit a fol 59 et seq tal-proċeduri Rik Nru 2/21

[7] Fol 63 et seq

telqet. Reġgħet staqsietu x'jista' jiġri u huwa wieġeb li għal massimu l-eżaminaturi ta' fuq il-bord jgħidulha xi ħaġa waqt l-orali imma ma kellhiex għalfejn tinkwieta għax hu stess kien ser jgħidilhom li l-karti ma użathomx;

xiii. Din il-verżjoni dwar dak li seħħ waqt it-tieni eżami **mhijiex kondiviża** mill-konvenuti. Fix-xhieda tiegħu[8] Dr Keith German ċaħad li f'xi ħin waqt jew wara l-eżami huwa ta xi garanzija lill-attriċi li mhux ser tiġi skwalifikata għax hu ma setax jieħu xi deċiżjoni waħdu. Deċiżjoni tittieħed mill-Bord kolleġjalment. Ċaħad ukoll li kellu xi konverżazzjoni mal-attriċi wara li spiċċa l-eżami tat-tieni karta. Ikkonferma li huwa żamm il-kopja tal-Kodiċi Ċivili iżda rritornalha l-kopja tal-Kap 55 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa kompla jispjega li[9] -

*"Dr Fiorella Fenech Vella: Mela Dr German waqt l-eżami sewwa, meta kontu qegħdin tivverifikaw id-dokumenti l'għandhom l-istudenti magħhom x'ġara meta wasalt għas sinjura Portelli, x'ġara u spjega sew lil-Qorti.*

*Xhud: Sewwa meta wasalt u kienet ir-raba' waħda jidhirli jiġifieri meta qed niċċekjaw kandidat, kandidat jiena ftaħt il-kotba ovjament dak il-ħin l-ewwel initial reaction tiegħi kienet għedtilha "Dawn x'inhuma?" b'ton irrabjat ħa nkun onest' qaltli kważi stat imbikma u kienet tidher għax kienet eċitata jiġifieri, qaltli tippretendi li niftakar kollox u ejja qaltli mela jiena se niftakar kollox u jiena dort fuqha għedtilha mela sħabek x'qed jagħmlu*

[8] Fol 89 et seq tal-proċeduri Rik Nru 2/21
[9] Fol 94 et seq tal-proċeduri Rik Nru 2/21

*mhux l-istess qed jagħmlu bħalek skużi qed tara lil xi ħadd illi għandu l-affarijiet miktubin imbagħad ħadtilha dak il-ħin, għedtilha ħa jkolli neħodlok il-karti dak il-ħin, għedtilha għalissa kompli l-eżami għax jien ma kelli nerġa' ngħid ma kelli l-ebda dritt li nwaqqafha at that stage bħala Bord member u kompliet l-eżami jiġifieri.*

*Dr Fiorella Fenech Vella: Tiftakar jekk saqsietikx xi ħaġa oħra apparti dan il-kliem li għedt?*

*Xhud: Le, ma niftakarx essaġġ jiena kont kawt ħafna anke meta kellimtha jiġifieri number one kien hemm sħabha fil-viċinanzi ma riedx nisfratta eżami dik ħaġa oħra li qgħadt attent ukoll jiġifieri li ma riedx illi tinqala' dak il-ħin quddiem kullħadd hemmhekk hu.*

*Dr Fiorella Fenech Vella: X'tgħidilna rigward il-ħin meta r-rikorrenti ħarġet mill eżami?*
*Xhud: Le, kif ħarġet mill-eżami ġiet fuqi kien hemm fil-preżenza ta' Dr Paul Callus ukoll għax kien spiċċa mill-kamra tiegħi. Qaltli isma tista terġa' ttini n-noti hawn il liġi insomma għax irrid nipprepara għal l-oral u eċċetra, eċċetra għedtilha le għax jien dawn bilfors irrid nippreżentahom lill-Bord biex jevvalwaw ovjament il-każ hu, jiġifieri.*

*Il-Qorti: U hekk għamilt bihom in-noti?*

*Xhud: Hekk hu ħadthom fil-fatt fil-preżenza ta' Dr Callus nerġa' nikkonferma and that was that hu.*

*Dr Fiorella Fenech Vella: Għedtilha xi ħaġa oħra apparti dawn l-affarijiet?*

*Xhud: Le, mhux li niftakar ta I mean ma kienx hemm, kienet tidher diżapuntata ħafna I mean ovjament hu jiġifieri nifhem li kienet inkwetata naħseb hu ovjament pero' ma kienx hemm affarijiet oħra.*

*Dr Fiorella Fenech Vella: Hemm xi prassi illi l-kandidati jistgħu ġġibu magħhom xi klawżoli biex jużaw waqt l-eżami?*

*Xhud: Le, lanqas xejn jiġifieri din hi kienet taf iktar għax kienet esperjenzat ukoll mis-sena ta' qabel il-proċedura jiġifieri u il-*

*kandidati kollha jafu illi ma jistgħux iddaħlu materjal għax inkella ma jibqax l-iskop tal-eżami jekk kullħadd jista' jdaħħal kollox u ovjament jagħmel l-eżami tal-warrant, m'huwiex ġurnata tax-xogħol kif qalet hi l-eżami tal-warrant."*

xiv. **Dr Paul Callus**, Nutar tal-Gvern li kien preżenti wkoll dakinhar tat-tieni eżami xehed[10] li matul it-tieni karta tal-eżami huwa kien qed jissorvelja l-kandidati f'kamra oħra. Wara li spiċċa l-eżami u ġabar il-karti tal-kandidati tal-kamra tiegħu huwa mar fil-kamra fejn kien hemm Dr German u kien hemm l-attriċi li qed tippreżenta l-karti tagħha lil Dr German. Fil-preżenza tiegħu l-attriċi staqsiet lil Dr German jekk setgħetx tieħu lura noti ta' paragrafi fuq il-Kodiċi Ċivili li hija kellha waqt l-eżami u li kienu ġew ikkonfiskati minn Dr German. Minn naħa tiegħu Dr German infurmaha li huwa kien ser jgħaddi kollox lill-Bord tal-Eżaminaturi. Xehed ukoll li f'ebda mument Dr German ma serraħ moħħ l-attriċi li m'għandhiex għalfejn tinkwieta fuq dak li ġara waqt l-eżami rigward in-noti li ġew ikkonfiskati mingħandha iżda qalilha li ser jinforma lill-Bord sabiex jieħdu deċiżjoni dwar l-istess kandidata;

xv. Permezz ta' skambju ta' emails dwar dan il-każ, il-membri tal-Bord waslu għal deċiżjoni li ġiet ikkomunikata minn Dr Keith German għan-

[10] Fol 127 tal-proċeduri Rik Nru 2/21

nom tal-Bord lill-attriċi permezz ta' email datata 2 ta' Lulju 2020[11]. Din l-email tgħid hekk –

*"Notarial Warrant Exam 2020*

*Dear Ms Portelli*

*Reference is made to the seized material which was found on your desk during Paper 2 of the Notarial Warrant Exam held on Saturday 28th June 2020.*

*The material was analysed by the Board of Examiners who unanimously agreed that:*

- *the material found in your possession during the exam contained full drafted clauses and applications with the intention of being used and copied to answer the relevant questions.*

- *You are disqualified and be considered to have failed the exam."*

xvi. B'reazzjoni għal din id-deċiżjoni l-attriċi wieġbet dakinhar stess permezz ta' email indirizzata lil Dr German[12] -

*" I am deeply shocked with the Board's decision since I was confident facing this year's exam after having gone through three years of practice, particularly spending this last year carrying out intense practice at Dr Reuben Debono's office. In fact I was able to do the 10-hour exam without consulting with the laws and I didn't find any problem in such matter, which further proves that I was more than ready to complete the exam and had absolutely no intention of copying any statutory declarations and/or drafting.*

[11] Fol 7 tal-proċeduri Rik Nru 2/21
[12] Fol 8 tal-proċeduri Rik Nru 2/21

*Under these cirvumstances, I feel that I should have at least the opportunity to voice my concerns and recount the events of what happened on the 27th June in order to present my claim for the reconsideration of the Board's decision."*

xvii. Dr German għan-nom tal-Bord wieġeb l-għada 3 ta' Lulju 2020[13] -

*"Your matter has been discussed with the Board.*

*As no submissions can disprove the fact that you were in possession of material which was expressly prohibited both in prior information communicated to you prior to the exam and also specifically in the introductory page of both examinaton papers, irrespectively of whether you made use of it or not, you broke trust and committed a serious breach of the examination rules. Hence the decision of the Board is irrevocable."*

xviii. F'petizzjoni bla data indirizzata lil Dr German[14] l-attriċi qalet li hija kienet qed topponi d-deċiżjoni tal-Bord stante li ġiet imċaħħda mid-dritt għal smigħ xieraq, li l-karta tal-eżami tagħha ma ġietx ikkoreġuta u ma sarilhiex l-eżami orali. Hija lmentat li ġiet meqjusa li weħlet mill-eżami meta hija waħda mill-ewwel kandidati li ġew iċċekkjati l-karti tagħhom waqt l-eżami u hija għamlet l-eżami sħiħ mingħajr użu tal-liġijiet. Talbet għal dawn ir-raġunijiet li l-Bord jirrikonsidra d-deċiżjoni tiegħu u jikkoreġi l-karta tagħha u jsirilha l-eżami orali.

[13] Fol 9 tal-proċeduri Rik Nru 2/21
[14] Fol 10 tal-proċeduri Rik Nru 2/21

xix. B'korrispondenza ulterjuri tad-9 ta' Settembru 2020 il-Bord żamm ferm il-pożizzjoni tiegħu;

xx. Fit-13 t'Ottubru 2020 ġew intavolati l-proċeduri odjerni.

**Eċċezzjonijiet Preliminari**

1. **L-ewwel eċċezzjoni tal-intimati** tissolleva l-intempestivita' tal-kawża odjerna stante li r-rikorrenti kellha a dispożizzjoni tagħha rimedji ordinarji senjatament proċeduri ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap 12 jew tramite l-poteri residwali tal-Qrati.

**L-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni** jipprovdi li:

*"(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*

*Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra."*

**L-Artikolu 4 (2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta)** jipprovdi li:

> *"Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1), u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq ,jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li għat-tgawdija tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*
>
> *Iżda l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi ordinarja oħra."*

Ingħad hekk fil-każ **John Grech et vs Onor. Prim Ministru et** deċiża fid-29 t'April 2013[15] u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Jannar 2014 –

> *"Illi din il-kwistjoni ġiet dibattuta diversi drabi fil-Qrati tagħna. Il-Qorti Kostituzzjonali daħlet fil-fond tagħha fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet "**Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine**" (deċiża fis-7 ta' Marzu 1994) fejn, wara li elenkat numru ta' sentenzi preċedenti, qalet fost affarijiet oħra illi:*
>
> *"Minn din ir-rassenja kemm tal-Prim' Awla u kemm ta' din il-Qorti jistgħu jitnisslu dawn il-linji ġurisprudenzjali:*
>
> *a. Meta hu ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrenti biex ikollu rimedju għad-danni li qed jilmenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura Kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta mhumiex disponibbli;*
>
> *b. Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawlhiex raġunijiet serji gravi ta' llegalita' jew ta' ġustizzja jew żball manifest ma*

[15] Rik Nru 68/11

*tiddisturbax l-eżerċizzju ta' diskrezzjonalita' tal-ewwel Qorti kkonferita mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni;*

*c. Kull każ għandu l-fattispeċje partikolari tiegħu;*

*d. Meta r-rikorrenti ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta' kellu dan ma jfissirx li l-Qorti għandha tikkonsidra li ma għandhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk dak il-possibbli rimedju ma kienx pero' jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrenti;*

*e. Meta r-rikorrenti ma jkunx eżawrixxa r-rimedju ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta' ħaddieħor allura ma jkunx desiderabbli illi l-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ;*

*f. Meta l-ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab dik id-diskrezzjoni."*

*Illi l-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet **"Philip Spiteri vs Sammy Meilaq"** (deċiża fit- 8 ta' Marzu 1995) qalet ukoll li:*

*"Meta l-oġġett tal-kawża jkun ta' natura komplessa – u jkollu kwistjonijiet li għandhom rimedju f' xi liġi oħra, u oħrajn li ma għandhomx, rimedju ħlief Kostituzzjonali – allura għandha tipprevali din l-aħħar azzjoni". F'din is-sentenza l-Qorti osservat li jkun sewwa li mal-kelma 'komplessa' jiżdied il-kliem 'jew inkella mħallta'.*
……

*Fil-kawża fl-ismijiet **"Maria sive Marthese Attard et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards et"** (deċiża mill-Prim' Awla, Sede Kostituzzjonali, fit-30 ta' Settembru 2010) ġie dikjarat illi:*

*"L-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fil-kuntest tal-allegat ksur tad-dritt fundamentali. Għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza dan il-ksur. Fl-istess waqt ma hemmx għalfejn li biex jitqies effettiv ikun jirriżulta li r-rimedju sejjer jagħti lir-rikorrenti suċċess garanti. Huwa biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi.*

*Meta jidher li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu r-rikorrent għandu jirrikorri għal dawk il-meżżi, qabel ma jirrikorri għar-rimedju Kostituzzjonali u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-meżżi jew wara li jidher li dawk il-meżżi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju Kostituzzjonali."*

*Illi f'dan is-sens wieħed jista' jsib ukoll l-insenjament fir-rigward fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **"Joseph Fenech vs Awtorita' tal-Ippjanar et"** deċiża fid-9 ta' Novembru 2012….*

*Illi wieħed għandu jqis li kemm l-artikolu invokat mill-intimati u kemm il-Kostituzzjoni ta' Malta ssemmi mezzi li 'kienu disponibbli' u allura anke jekk kien hemm meżżi li 'kienu' disponibbli għar-rikorrent iżda li minħabba t-trapass taż-żmien ma jkunux għadhom (disponibbli), il-Qorti tista' jekk hekk jidhrilha tiddeklina li teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha."*

Ukoll il-każ **Sonia Zammit et vs Ministru tal-Politika Soċjali et** deċiż fis-27 ta' Frar 2006[16] b'riferenza għal aktar ġurisprudenza elenka fost oħrajn dawn il-prinċipji:

"*Meta huwa ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex ikollu rimedju għad-dannu li qed jillamenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta ma humhiex disponibbli.*"[17]

*"Hu veru li kull persuna tista' tirrikorri lill-Prim Awla għal rimedju ta' indole Kostituzzjonali, imma l-ewwel subinċiż ta' dak l-Artikolu 46 irid jigi moqri mal-proviso tat-tieni subinċiż tiegħu li jipprovdi li l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond dak l-artikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat 'huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi oħra.'"*[18]

*"Sakemm tibqa' l-possibilita' li l-leżjoni tad-dritt fundamentali setgħet kienet jew għad tista' tiġi rettifikata bil-proċeduri u mezzi provduti bil-liġi, ikun ġeneralment il-każ li l-Qorti tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali taghha."*[19]

[16] Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) Rik Nru 11/2005
[17] **Dr Mario Vella vs Joseph Bannister noe** – Qorti Kostituzzjonali deċiża 7 ta' Marzu 1994
[18] **Lawrence Cuschieri vs Onor Prim Ministru** – Qorti Kostituzzjonali deċiża 6 t'April 1995.
[19] **Stephen Falzon vs Reġistratur tal-Qorti et** – Qorti Ċivili Prim Awla (Sede Kostitizzjonali) deċiża 14 ta' Frar 2002

> *"Il-Prim Awla tal-Qorti Civili għandha poteri diskrezzjonali wiesgħa biex tiddeċiedi li ma teżerċitax il-poteri tagħha meta r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji possibbli taħt il-liġi ordinarja."*[20]

Isegwi għalhekk li l-Qorti jeħtiġilha tindaga jekk, fiċ-ċirkustanzi tal-każ odjern ir-rikorrenti kellhiex a dispożizzjoni tagħha rimedji ordinarji li kienu aċċessibbli, xierqa, effettivi u effikaċi għall-ilmenti mressqa minnha u fil-każ affermattiv jekk tali rimedji setgħux jakkordaw rimedju sħiħ għal-lanjanzi kollha tagħha.

Madankollu tispetta dejjem lill-Qorti d-diskrezzjoni li - fil-parametri tad-dispożizzjonijiet ċitati mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni – **tagħżel HI** jekk teżerċitax is-setgħat kostituzzjonali tagħha jew le, u dan indipendentement mill-fatt li min iressaq l-ilment ikollu jew kellu meżżi oħra ta' rimedju ordinarju disponibbli.

Kif ingħad fil-każ **George Debono et vs Kustodju tal-Proprjeta' tal-Għadu et** deċiż fil-25 ta' Mejju 2016[21]:

> "….*d-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni jitkellmu dwar diskrezzjoni, jiġifieri dwar għażla li titħalla f'idejn il-Qorti u mhux dwar impożizzjoni ta' twarrib milli twettaq xogħolha;"*

[20] **Domenico Savio Spiteri vs Chairman Planning Authority et**" – Qorti Kostituzzjonali deċiża 31 ta' Mejju 2000
[21] Rik 40/10

Fl-isfond tal-prinċipji ġurisprudenzjali elenkati l-Qorti hija tal-fehma li l-eċċezzjoni tal-intimati mhijiex akkoljibbli.

Anke jekk naxxenti mill-istess fatti li taw lok għal proċeduri ċivili mill-attriċi Rik Nru 2/21, it-talbiet tar-rikorrenti fil-kawża odjerna huma marbuta ma' ksur ta' drittijiet fundamentali kif protetti bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

Il-Qorti tissottolinea li kif inhuwa kristalizżat fil-ġurisprudenza, l-artikolu 469A tal-Kap 12 jeskludi ghal kollox kwistjonijiet li jolqtu lanjanzi dwar ksur ta' drittijiet fundamentali fil-Kostituzzjoni (u b'analoġija anke fil-Konvenzjoni).

Ingħad hekk in materja fil-każ **Martin Baron pro et noe vs Kummissarju tal-Artijiet et deċiż fit-28 ta' Mejju 2015** –

> *"Illi ghalkemm l-artiklu 469A(1)(a) jippermetti l-istharrig gudizzjarju meta l-ghemil jikser il-Kostituzzjoni, skont l-gurisprudenza l-aktar recenti:*
>
> *"Fi kliem iehor – u din il-Qorti tittama li din il-kwistjoni issa tigi risolta darba ghal dejjem, cioe` anke ghal kazijiet futuri – l-appellanti (jew, qabilhom, l-awtur taghhom) ma setghux jifthu kawza ordinarja ghal stharrig gudizzjarju taht is-subartikolu 1(a) tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12, u jallegaw ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom protetti taht il-Kostituzzjoni, ghax dak is-subartikolu jirreferi ghal ksur tal-Kostituzzjoni minn ghemil amministrattiv li (i) ma jkunx jammonta ghall-ksur, ossia allegat ksur, tad-drittijiet fundamentali kif protetti bl-Artikoli 33 sa 45 tal istess Kostituzzjoni, u li (ii) ai termini tal-istess*

*Kostituzzjoni jkun jista' jigi mistharreg mill-qrati ordinarji."-(sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kaz fl-ismijiet* ***Christopher Hall et v. Direttur tad-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali et,*** *- deciza fit-18 ta' Settembru, 2009 li ttrattat dan is-subartiklu in funditus.)"*

**Għaldaqstant, l-eċċezzjoni ser tiġi miċħuda.**

2. Skont **it-tieni eċċezzjoni tal-intimati**, l-Ministru tal-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza mhuwiex leġittimu kontradittur f'dawn it-tip ta' proċeduri u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

Fil-ġurisprudenza in materja fosthom fil-każ **Pauline MacDonald vs Medistar Healthcare Services Limited et deċiż fit-28 ta' Settembru 2016 -**

*"Il-kriterji li jirrendu parti f'kawża bħala leġittimu kontradittur jirriżultaw ben ċari mill-ġurisprudenza:*

***Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited*** *deċiża fid-9 t'April 2008 mill-Qorti tal-Appell:*

*"In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika.*

*Fil-każ fl-ismijiet **Edgar Urpani pro et noe vs Continental Meat Co. Ltd deciz fit-23 t'Ottubru 2009**[22] intqal hekk:*

*"Huwa ben risaput illi, u apparti mill-operat tal-liġi, il-kostituzzjoni in ġudizzju ta' parti mħarrka tinsel minn qagħda ta' rapport ġuridiku preċedenti, sija kontrattwali, extra-kontrattwali, delittwuz jew akwiljan. Ara Artikolu 959 Kodiċi Ċivili. Dan neċessarjament ifisser illi l-azzjoni proposta jrid ikollha bejn il-partijiet konnessjoni ma' l-oġġett jew it-titolu tal-kawża."*

*Illi inoltre l-ġurisprudenza tkompli hekk:*

*"Għal fini tal-valutazzjoni ta' l-integrita` tal-kontradittorju rigward irid isir b'mod esklussiv għal dak prospettat mill-attur bit-talba tiegħu. Dan għaliex il-kontradittorju hu determinat fuq il-bażi tad-domanda proposta."* ***(Avukat Dr Aaron Mifsud Bonnici noe vs European Institute of Education Limited)[23].***

*Inoltre fil-każ **Av. Michael Psaila noe vs Joseph Pace et deciz fit-3 ta' Ottubru 2008**[24] ingħad li –*

*"Min jeċċepixxi li hu mhux il-leġittimu kontradittur jeħtieġ illi jipprova li hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi għat-talba proposta bl-istanza għaliex hu ma kienx daħal f'ebda rapport mar-rikorrent noe jew li m'għadx għandu tali rapport."*

Il-Qorti tqis li din l-eċċezzjoni hija fondata.

Il-Qorti tqis li għalkemm il-Bord huwa maħtur mill-Ministru msemmi, l-istess Bord jaħdem b'awtonomija u anke jirregola l-proċeduri tiegħu ai termini tal-Kap 55. Għalhekk il-Ministru msemmi ma jistax jirrispondi għall-allegat aġir tal-Bord. Il-bqija tal-ilmenti huma marbutin mat-tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-

[22] Rik 1758/99 Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)
[23] (Nru 777/06) Deċiż 13 ta' Marzu 2009 mill-Qorti ta' l-Appell
[24] Cit Nru 1236/07

Kap 55 fir-rigward tal-istess Bord u kwindi lanqas hawnhekk ma jwieġeb il-Ministru.

**Għalhekk it-tieni eċċezzjoni tal-intimati ser tiġi milqugħa u l-Ministru konċernat ser jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.**

**<u>Mertu:</u>**

It-talbiet tar-rikorrenti huma mibnija fuq l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha ai termini tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, l-artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

**L-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni** jipprovdi li –

> *"Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli."*

**L-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni u l-artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprovdu li –

> *"Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta lpubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja."*

Kif jispjegaw tajjeb kemm diversi awturi kif ukoll l-istess ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea, l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jiggarantixxi d-dritt għal smigħ xieraq li jinkorpora s-segwenti prinċipji:

> *"...the Strasbourg authorities have interpreted Article 6 as providing, as aspects of the general right to a fair hearing, the following implied rights:*
>
> *(a) the right of access to the courts*
> *(b) the right to be present to an adversarial hearing*
> *(c) the right to equality of arms*
> *(d) the right to a fair presentation of the evidence*
> *(e) the right to cross-examine and*
> *(f) the right to reasoned judgement[25].*

Dawn il-prinċipji huma garantiti wkoll fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u fl-artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319.

[25] Clayton R. & Tomlinson H, 2001, Fair Trial Rights, Oxford, pg-88-89

Il-Qorti tqis li l-ewwel punt li għandu jiġi trattat huwa jekk il-Bord tal-Eżaminaturi jistax jitqies li jaqa' taħt id-definizzjoni ta' *"qorti", "awtorità' ġudikanti"* jew *"tribunal"* għall-fini tal-Kostituzzjoni, tal-Kap 319 jew tal-Konvenzjoni.

Issir referenza fl-ewwel lok għall-każ **Louis Borg vs Il-Bord tal-Professjoni tal-Inġinerija et deċiż fl-4 t'Ottubru 2021** fejn b'referenza għall-Bord tal-Professjoni tal-Inġinerija ingħad hekk -

> *"It-Tribunal ma jqisx, kif sottomess mill-Bord, illi huwa awtorita` b'setgħat kważi-ġudizzjarji jew addirittura tribunal amministrattiv. Il-Bord intimat huwa awtorita` pubblika li, fost oħrajn, tirregola l-għoti ta' warrants lill-Inġiniera. Kwindi n-natura tal-istess Bord hija waħda regolatorja u mhux ġudizzjarja jew kważi-ġudizzjarja."*

B'analoġija, l-Bord tal-Eżaminaturi li jirregola l-għoti tal-warrants tan-nutara lanqas ma huwa meqjus bħala tribunal amministrattiv jew awtorita' b'setgħat kważi-ġudizzjarji. Infatti mhuwiex inkluż fil-lista ta' tribunali li huma regolati bid-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva (Kap 490 tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Bord tal-Eżaminaturi huwa awtorita' pubblika li fil-każ tar-rikorrenti wettaq azzjoni amministrattiva u ħa deċiżjoni fil-konfront tagħha. **Dan hu ammess mir-rikorrenti stess li minn jeddha intavolat proċeduri ai termini tal-artikolu**

**469A tal-Kap 12 biex tattakka proprju dak l-att amministrattiv.** Ai termini tal-artikolu 469A stess, awtorita' pubblika hija definita bħala:

> *"l-Gvern ta' Malta, magħdudin il-Ministeri u dipartimenti tiegħu, awtoritajiet lokali u kull korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi u tinkludi Bordijiet li jkollhom awtorità bil-liġi li joħorġu warrants għall-eżerċizzju ta' xi sengħa jew professjoni."*

Isegwi li awtorita' pubblika bħall-Bord li tagħti deċiżjoni bħala parti minn għemil amministrattiv ma tistax għalhekk titqies bħala *"qorti"*, *"awtorita' ġudikanti"* jew *"tribunal"* għall-fini tal-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni.

Iżid ma' dan kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Leonard u Mary Doris konjugi Attard v. (1) L-Awtorita` għat-Trasport f'Malta (2) Il-Kummissarju tal-Artijiet[26]:**

> *"Fil-fatt, awtorita` pubblika hija imfissra fil-Wiktionary bħala "any authority which has a legal mandate to govern, administer a part or aspect of public life" li allura, ma tehodniex lill hinn mill-involviment tal-awtorita` f'setturi li huma normalment funzjoni tal-gvern."*

Għall-iskop tagħna din l-Awtorita' pubblika, bħal ma hu l-Bord ta' l-Eżaminaturi, għandha l-iskop li tara li l-warrants ta' uffiċjal pubbliku bħal ma hu Nutar Pubbliku, jiġu mogħtija biss li persuni idoneji li se jaqdu funzjoni pubblika tant

[26] Deċiża fil 25 ta' Novembru 2016; Rikors Numru: 10/16

importanti kemm mil-lat soċio-ekonomiku ta' pajjiz, ukoll mil-lat ta' amministrazzjoni u fiduċja li jinħtieġ jiġi indirizzat lejn l-integrita' innifisha mhux biss ta' l-istess professjoni imma ta' l-andament ġovernattiv in ġenerali. Dan pero' ma jqiegħedtx lill-Awtorita' Pubblika fuq livell ta' entita' ġudikanti kif tippretendi r-rikorrenti.

Kwindi l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, l-artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni mhumiex applikabbli għall-każ odjern u għalhekk ma hemm ebda lok li l-Qorti tipproċedi ulterjorment bil-kunsiderazzjonijiet dwar il-lanjanzi tar-rikorrenti mill-lenti tal-Kostituzzjoni, tal-Kap 319 u tal-Konvenzjoni.

Safejn kompatibbli ma' dak deċiż ser jintlaqgħu l-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-intimati.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

1. **Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati, tilqa' t-tieni eċċezzjoni u tillibera lill-Ministru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza mill-osservanza tal-ġudizzju u safejn kompatibbli ma' dak deċiż tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet tagħhom;**

2. **Tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħha.**

**Onor. Miriam Hayman LL.D.**

**Imħallef**

**Rita Falzon**

**Dep. Reġ**